Għaliex, mhux biss il-bnedmin iżda l-ħarsijiet ukoll u l-fatati donnhom jindehxu u jitnaffru u jgħibu meta ħadd iżjed ma jkun irid jaf bihom.

Il-ħarsijiet u l-fatati ta' żmienna trid tħallas il-flus it-tajba biex tarahom, jixxadinjaw fuq xi ħajt imbajjad jew fuq xi liżar wieqaf, bil-mijiet tan-nies bil-qiegħda ma' dwarek, idaħħnu u jedhew u jitħolmu ħajja kollha lwien u hena, bħal dik tal-fatati u l-ħarsijiet li mingħalihom ikunu qegħdin jaraw fuq l-imbajjad jew il-liżar li jkollhom biswithom.

Il-ħarsijiet u l-fatati ta' l-imgħoddi kont tarahom bla ma tħallas flus—meta ma kontx iddabbar xi ħaġa minn għandhom ukoll. U kienu isbaħ minn tal-lum. Kienu sbieħ u koroh daqskemm jista' jkun sabiħ jew ikreh il-ħolm tal-bniedem, li la jista' jitfisser u anqas jinkiteb jew jiġi mxebbah sewwa wara li jkun għadda u mar—ħolm saħħari, ta' fatati ta' lwien li ma jitfissrux, li jhenni lil dawk ta' xortihom tajba li jarawh, imqar darba biss ma' tul ħajjithom; jew ħolm li jwaħħax, ta' biża' li ma jitfissirx, li, ta' kull darba li taħseb fih wara li tkun ħlomtu, jew li ssemmih, tħossok tistħajjel li għadda; u tgħaġġeb lil kull min jisimgħek titħaddet fuqu u tfissru!

Kemm kienu tabilħaqq sbieħ iż-żmenijiet li fihom misserijietna kienu jgħixu mal-fatati u mal-ħarsijiet! Kemm kienu isbaħ miż-żmenijiet imdawla, imqajmin u fiergħa tal-lum! Il-fatati li ngħixu magħhom il-lum, meta nidraw bihom, idejquna u jxebbgħuna. Il-fatati ta' l-imgħoddi kienu tabilħaqq sehem mill-ħajja tal-bniedem, li kienet iktar imlewna, inqas tqila u eħfef ħafna minn dik li qed ingħixu aħna, bil-għerf tagħna u bid-dawl ta' tagħlim li ninsabu fih.

---



## XI ĦAĠA BAQA'.....

Ta' ERIN SERRACINO-INGLOTT

*Lill-ħabib tiegħi,*
*id*-DR. KAV. ĠUŻE' GALEA, *Rumanzier.*

Il-lejl għad ma daħalx u l-fiera f'xatt il-baħar
Maħnuqa nies tiffolla,
U bżajt li ħini u flusi ħlejthom kollha.
Iżda, ħabib, mhux kollox kollox tar mar-riħ...
Xi ħaġa baqa'!

U dħalt u lgħabt mill-ġdid sa l-bejgħ u x-xiri waqaf,
U dar kulħadd għad-dura,
U bżajt li ma kellix biex narġa' lura.
Iżda, ħabib, mhux bwieti kollha sabu l-qiegħ...
Xi ħaġa baqa'!

U wsalt sa fl-aħħar l-art fi trufijiet ir-raħal,
Għalija ħadd ma rani;
L-għajnuna ried tallab, ħasibni għani.
Iżda, ħabib, lil dan ukoll insib x'nagħtih...
Xi ħaġa baqa'!

U qabeż fuqi wkoll ħalliel fid-dawl ta' qamar
Sabiex jisraqli ġidi;
U bżajt li ddawwar wisq, kont idi f'idi!
Iżda, ħabib, la l-lbies ilellex kien jaqdih...
Xi ħaġa baqa'!

U f'nofs il-lejl inġbart għajjien sultan il-faqar,
Bil-jies maqtugħ fuq arti...
Iżda fil-bieb laqgħetni mbissma marti...
Le, le, ħabib, mhux kollox kollox tar mar-riħ...
Xi ħaġa baqa'!...

29. 12. 46.